MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-18 ta' April, 2008

Talba Numru. 328/2006

**GO p.l.c. (C-22334)**

**Vs**

**Lucia Abdel Rahman gia` Sciberras u b'digriet tat-Tribunal datat 25 ta` Lulju, 2007 gie mahtur Dr Martin Fenech bhala Kuratur Deputat sabiex jirraprezenta lill-assenti Abdel Mohammed Rahman.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta` April, 2006 fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u sitta u erbghin lira maltija, tmienja u tmenin centezmu rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma` servizz telefoniku bin-numru 807960 skond ma` kif jirrizulta minn dokumenti annessi u mmarkati Dok. A u B.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` dan l-avviz kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenuta datata 23 ta` Mejju 2006 fejn ikkontestat it-talba attrici b'diversi eccezzjonijiet kif hawn riprodotti:-

1) Il-preskrizzjoni ta` l-azzjoni ai termini ta` l-artikolu 2148 (f) u 2156 (f) Kap. 16 tal-Ligijiet ta Malta;
2) Illi l-gudizzju mhux integru stante li l-kawza ma gietx intavolata wkoll kontra zewgha;
3) Illi permezz ta` ftehim iffirmat fit-3 ta` Frar, 2000, is-socjeta` attrici rrikonoxxiet lil Abdel Rahman Mohammed bhala ko-debitur u dan ta` l-ahhar kien intrabat li jhallasha lura permezz ta` pagamenti mensili ta` Lm50;
4) Illi l-konvenuta u zewgha kienu ghaddejjin minn proceduri ta` separazzjoni quddiem il-Qorti Civili Sezzjoni Familja;
5) Illi l-konvenuta tafferma li ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju peress illi l-ammonti dovuta ghandhom jithallsu unikament minn zewgha.

Saret rizerva ghal prezentata ta` eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra s-sentenza moghtija minn dan l-istess Tribunal datata 26 ta` Jannar, 2007 fejn cahad l-eccezzjoni preliminari ta` preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta, minn liema decizjoni ma gie ntavolat ebda appell minnha.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli konsulenti legali tar-rispettivi partijiet.

Ikkunsidra.

Jigi notat li s-service agreement mas-socjeta` attrici Dok. A jidher li gie ffirmat mill-konvenuta fil-25 ta` Gunju, 1998 taht kunjomha ta` xebba ghalkemm skond is-sentenza ta` separazzjoni a fol. 12 hija kienet izzewget xi xahar qabel.

Il-konvenuta stess tammetti li kienet iffirmat hi stess is-service agreement mas-socjeta` attrici sabiex jinstallawlha s-servizz fid-dar taghha. Tikkonferma wkoll li hija stess kienet taghmel uzu minn dan is-servizz ghalkemm biss fuq telefonati lokali.

Jigi notat ukoll pero` illi l-ammont dovut ma jidhirx li gie kkontestat minn ebda parti oltre ghal fatt li dan gie wkoll ikkonfermat mill-P.L. Noel Scerri bil-gurament tieghu.

Illi ghalkemm s-sentenza ta` separazzjoni a fol. 12 et seq tal-process tordna li l-ammonti dovuta lis-socjeta` attrici ghandhom jithallsu mill-konvenut ghar-ragunijiet hemm indikati, tali ordni pero` ma taghmilx stat fil-konfront tas-socjeta` attrici in vista tal-fatt li hija ma kinietx parti fil-kawza. Se mai din tkun tintitola lill-konvenuta sabiex titlob refuzjoni ta` flus minnha mhallsa minflok zewgha.

Illi ghalkemm huwa minnu wkoll li l-kjamat fil-kawza, cioe` r-ragel tal-konvenuta kien ffirma ftehim mas-socjeta` attrici mmarkat Dok. NS1 fejn intrabat li jhallasha tramite pagamenti mensili bhala ko-debitur, dan bl-ebda mod pero` ma ezima lill-istess konvenuta mill-obbligi taghha bhala debitrici hija wkoll anke jekk ghas-sahha ta` l-argument jista` jirrizulta fattwalment illi l-parti l-kbira tal-kont in kwistjoni kienu jikkoncernaw telefonati barra minn Malta (Dok. SS1). Illi anqas ma jista` jigi interpretat li tali ftehim a fol. 30 seta` wassal biex inholoq novazzjoni bejn is-socjeta` attrici u l-kjamat fil-kawza fuq il-bilanc dovut u difatti s-servizz tat-telephone baqa` jghajjat lill-istess konvenuta nonostante dak kollu li seta` qalilha zewgha u kif ukoll nonostante l-fatt li l-ircevuti tal-pagamenti akkont kienu qed jinhargu fuq zewgha skond Dok. LAR 1 sa LAR 9.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fil-meritu kwindi jilqa` t-talba tas-socjeta` attrici u konsegwentement jikkundanna kemm lill-konvenuta u kif ukoll lill-kjamata fil-kawza solidalment bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta` €2,438.57 (Ewro) gia` Lm1,046.88, bl-imghaxijiet legali dekorribbli

mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenuta u kjamata fil-kawza in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------